

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Notifika Ta' Dokumenti \(riformulazzjoni\)](#) > [Notifika Ta' Dokumenti](#) > [Finland](#)

Notifika ta' dokumenti

Finlandja



Finlandja

NB! Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru [1393/2007](#) inbidel bir-Regolament (UE) [2020/1784](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mill-1 ta' Lulju 2022.

In-notifiki li saru skont ir-Regolament il-ġdid jistgħu jinstabu [hawnhekk!](#)

L-Artikolu 2(1) - Aġenziji Trażmetturi

L-aġenziji tat-trażmissjoni huma l-qradi distrettwali (*käräjäoikeudet*), il-Qorti tas-Suq (*markkinaoikeus*), il-qradi tal-appell (*hovioikeudet*), il-Qorti Suprema (*korkein oikeus*), l-Awtorità Nazzjonali tal-Eżekuzzjoni (*ulosottolaitos*) u l-Ministeru tal-Ġustizzja (*oikeusministeriö*).

L-Artikolu 2(2) - Aġenziji li jirċievu

Ikklikkja fuq il-link hawn taħt biex tara l-awtoritajiet kollha kompetenti relatati ma' dan l-Artikolu.

[Lista ta' awtoritajiet kompetenti](#)

L-Artikolu 2(4)(c) - Mezzi biex jiġu rċevuti d-dokumenti

Il-mezzi ta' riċeviment tal-atti għad-disponibbiltà tagħhom: l-atti jistgħu jiġu kkunsinjati bil-posta, faks jew email.

L-Artikolu 2(4)(d) - Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-formola standard fl-Anness I

Il-lingwi li jistgħu jintużaw biex timentela l-formola standard: il-Finlandiż, l-Iżvediż u l-Ingliż.

L-Artikolu 3 - Korp ċentrali

Il-korp ċentrali huwa l-Ministeru tal-Ġustizzja.

Oikeusministeriö [Ministeru tal-Ġustizzja]

PL 25

FIN-00023 Valtioneuvosto [Gvern]

Tel. (358-9) 16 06 76 28

Faks: (358-9) 16 06 75 24

Email: central.authority@om.fi

L-atti jistgħu jiġu kkunsinjati bil-posta, faks jew email.

Lingwi: il-Finlandiż, l-Iżvediż u l-Ingliż.

L-Artikolu 4 - Trasmissjoni tad-dokumenti

Il-formola tal-applikazzjoni tista' timtela bil-Finlandiż, bl-Iżvediż jew bl-Ingliż.

L-Artikolu 8(3) u 9(2) - Termini preskrittivi stabbiliti mil-liġi nazzjonali għan-notifika tad-dokumenti

Skont l-Artikolu 9(3), il-Finlandja tinforma lill-Kummissjoni li mhux se tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) u (2). Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu, fl-għamla attwali tagħhom, ma għandhom l-ebda sinifikat konċepibbli mill-perspettiva tas-sistema ġuridika tal-pajjiż u għaldaqstant fil-prattika ma jistgħux ikunu applikati fil-Finlandja.

L-Artikolu 10 - Ċertifikat tas-servizz u kopja tad-dokument innotifikat

Il-formola taċ-ċertifikat tista' timtela bil-Finlandiż, bl-Iżvediż jew bl-Ingliż.

L-Artikolu 11 - Spejjeż tas-servizz

Ma tinżamm l-ebda tariffa lill-aġenzija tat-trażmissjoni barranija għan-notifika tal-atti.

L-Artikolu 13 - Servizz minn aġenti diplomatiċi jew konsulari

Il-Finlandja ma toġġezzonax għal dan il-mezz ta' notifika.

L-Artikolu 15 - Servizz dirett

Il-Finlandja ma toġġezzonax għal dan il-mezz ta' notifika.

L-Artikolu 19 - Meta l-konvenut ma jidhirx għall-proċeduri

Billi l-Finlandja ma tagħtix in-notifika msemmija fl-Artikolu 19(2), il-qradi tal-Finlandja ma jistgħux jagħtu sentenza tagħhom f'każijiet skont l-Artikolu 19(2). Minħabba f'hekk, ma hemmx bżonn in-notifika msemmija fl-Artikolu 19(4).

■ L-aħħar aġġornament: 17/02/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.